**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 9 ta' Gunju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Godwin Scerri**

**Spettur Luke Bonello**

**Vs**

**Luke Farrugia**

**David Joseph Gauci**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Luke Farrugia ta' 28 sena, iben David u Maria regina nee' Mazzelli, imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Novembru 1987, residenti gewwa l-fond St. Joseph Court, Flat 6b, Triq C. De Brocktorff, Msida, u detentur tal-karta tal-identita' b'numru 530087M;

U David Joseph Gauci ta' 28 sena, iben Paul u Maria Theresa nee' Abela, imwieled Pieta' Nhar l-20 t'Awwissu 1987, residenti gewwa l-fond 86, Flat 7, Triq San Frangisk Floriana u Millifont, Flat 4, Triq il-Mazzola, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita' b'numru 382487M;

Luke Farrugia akkuzat talli fil-lejl besjn is-7 ta' Marzu 2012 u t-8 ta' Mazru 2012, gewwa San Giljan:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Fabian Camilleri f'periklu car, ikkuganawli hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, liema offiza giet maghmula b'arma rregulari.

David Joseph Gauci akkuzat talli:

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rrenda ruhu komplici fid-delitt maghmul minn Luke Farrugia meta xjentement, ghenu jew assistieh sabiex id-delitt kien gie ippreparat jew ikkunsmat; jew xewxi, inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdu li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkompensah.

Akkuzati flimkien talli:

3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi flimkien ma persuna ohra, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-Hajja ta' Osama Mohammed Ali Murad u Matthew Axisa f'periklu car, ikkagunawlhom hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa;

4) U katar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghal Osama Mohammed Ali Murad, Fabian Camilleri u Matthew Axisa sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlu hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;

5) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Dan il-kaz jittratta glieda li sehhet gewwa u barra stabbiliment kummercjali f' Paceville, fejn xi persuni garrbu griehi, wiehed minnhom gravi. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Marzu 2012, l-imputati kienu Paceville fi stabbiliment bl-isem "Hugo's Lounge" fi Triq St Rita, flimkien ma' Aaron Vella. Gara li nqala' xi argument ma' persuna ta' nazzjonalita' libjana, u l-imputati spiccaw tkeccew mill-post mill-membri tas-'security' tal-istess stabbiliment. Aktar tard l-imputat Farrugia, akkompanjat minn Gauci, rega' mar lura biex ikellem lil dawn tas-'security' li kienu harguh mill-post, u rega' qam argument iehor, fejn din id-darba wegga' gravi certu Fabian Camilleri, wiehed mill-managers ta' "Hugo's". Sar rapport ta' dawn l-incidenti lill-Pulizija, li waslet ghall-imputati fl-investigazzjonijiet taghha, u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri kontra taghhom.

Mill-provi prodotti mhuwiex kontestat li veru nqalghu dawn iz-zewg mumenti ta' incidenti, wiehed f' "Hugo's" u l-iehor ezatt barra l-istabbiliment. Fl-ewwel incident jidher li wegga' hafif Osama Mohammed Ali Murad, li fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti identifika lil certu wiehed Aaron Vella bhala l-persuna li aggredietu. Dan Vella kien ma' Farrugia u Gauci meta nqala' l-incident, izda ghalkemm kien maghhom, ma jidherx li kien hemm provi bizzejjed li jindikaw li anke huma hadu sehem attiv f'dan l-ewwel argument. Madankollu is-'security' xorta hargu lill-imputati barra mill-post, u mhux lil Vella, u dan ghamluh b'certu herra fil-konfront taghhom. Di fatti kemm Farrugia kif ukoll Gauci sofrew griehi hfief minhabba l-mod kif inhargu 'l barra minn "Hugo's".

Fil-fehma tal-Qorti, li kieku l-imputati qabdu u telqu 'l hemm wara dan l-ewwel incident, aktarx l-istorja kollha kienet tieqaf hemm, u ma kienu jittiehdu ebda passi kontrihom. Izda Farrugia, aktarx biex jiehu soddisfazzjon ghalfejn gie mkecci hekk minn "Hugo's", rega' mar lura hemm, u Gauci mar mieghu, u hemmhekk, barra t-triq, sejjah lil Fabian Camilleri biex ikellmu. Irrisulta li dan Camilleri kien il-persuna li, ghalkemm huwa manager ta' "Hugo's", dak il-hin intervjena biex ikecci liz-zewg imputati, b'mod partikolari lil Farrugia, u probabbli li zelqet xi kelma zejda bejniethom. Kien ghalhekk li Farrugia rega' mar lura ghalih.

Minnflok tkellmu bejniethom b'mod civili, irrizulta li Farrugia xejjer daqqa f'wicc Camilleri, bil-konsegwenza li dan sofra griehi gravi, peress illi kellu xi ksur fl-ghadam ta' wiccu. Il-Prosekuzzjoni allegat li l-imputat kellu hadida f'idejh, izda prova ta' dan ma ngabetx, u l-imputat dejjem innega li qatt kellu hadida f'idejh. Fil-fehma tal-Qorti, din l-isfida ta' Farrugia lil Camilleri kienet ghal kollox zejda w gratuwita, aktar u aktar jekk huwa minnu li Farrugia mar lura ghalih b'hadida f'idu, ghalkemm, kif gia' qalet il-Qorti, prova ta' din ma ngabetx. Jista' jkun li Farrugia hassu aggravat bil-mod kif Camilleri u tas-'security' harrguh 'il barra mill-"Hugo's", izda dan ma jiggustifika xejn li, nofs siegha wara li tkecca mill-post, jirritalja b'dak il-mod.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat Farrugia ghandu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni. L-imputazzjonijiet l-ohra fil-konfront tieghu ma gewx ippruvati. Kwantu ghall-piena, il-Qorti m'ghandha ebda esitazzjoni taghti sentenza ta' habs effettiv, li kieku, izda, ma kienx hemm element ta' provokazzjoni min-naha tal-persuni responsabbli ghas-'security' fl-istabbiliment imsemmi. Dan qed jinghad ghas-semplici raguni li, sfortunatament, il-qasam tas-'security' fi stabbilimenti bhal dawn – dawk li huma komunement maghrufa bhala "bouncers" – huwa notorjament nieqes minn regolamentazzjoni u kontroll. Irrizulta car ghall-Qorti li l-mod ta' kif l-ewwel argument, li kien jinvolvi lil Osama Ali Murad, gie ttrattat minn dawn il-"bouncers" kien billi Farrugia u Gauci jigu mitfughin 'il barra b'mod goff ghall-ahhar, tant li anke huma sofrew griehi hfief, meta x'aktarx huma ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dan l-ewwel incident. Il-persuna li kellha argument ma' Osama, Aaron Vella, kien maghruf sew mill-istess "bouncers tal-post, ghax hu kien jahdem bhala 'security' fi stabbiliment iehor tal-istess sidien, u kienu jafu lil xulxin. Mhux hekk biss, izda addirittura f'dak iz-zmien Vella kien ghaddej proceduri kriminali fejn kien taht kundizzjoni ta' helsien mill-arrst preventiv fejn suppost ma kellux jersaq lejn

Paceville! Huwa ghalhekk li aktarx Farrugia hassu urtat li s-'securities' mxew mieghu b'dak il-mod, meta hu kien fil-kumpanija ta' 'security' iehor habib taghhom u spicca ha t-tort hu ta' incident li ma kellux involviment dirett fih. B'daqshekk ma tfissirx li kien gustifikat jaqbad hadida u jxejjirha f'wicc wiehed mill-managers li mxew hazin mieghu, izda huwa fatt maghruf li s-'securities' ta' Paceville, almenu f'dak iz-zmien, ma kienux jilbsu ingwanti tal-bellus meta jigu biex jeskortaw lin-nies 'il barra. Ghalhekk, il-Qorti sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' fil-konfront ta' Luke Farrugia, flimkien ma' ordnijiet ohra intizi biex irazzan it-tempra tieghu man-nies u jsir membru aktar responsabbli fis-socjeta'.

Kwantu ghall-imputat David Joseph Gauci, il-provi ma wasslu ghal ebda grad fil-konfront tieghu, u ghalhekk il-Qorti sejra tilliberah minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 217 u 218(1)(a)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' **Luke Farrugia** wahdu;

Rat l-Artikoli 42(d)(e), 43, 214, 217 u 218(1)(a)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' **David Joseph Gauci** wahdu;

Rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 221(1), 338(dd), 339(1)(d), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront taz-**zewg imputati**;

Ma ssibx lill-imputat **David Joseph Gauci** hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat **Luke Farrugia** hati tal-ewwel imputazzjoni biss, minghajr l-aggravanti tal-Artikolu 217 tal-Kap 9, u ghalhekk tordna li

jitqieghed taht probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlitt (3) snin.

Tordna li joqghod ghal ordni ta' trattament, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal tlitt (3) snin, mal-istess ufficjali tal-probation, ghal "anger management".

Tordna inoltre l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni favur Fabian Camilleri ghal tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Massibx lil **Luke Farrugia** hati tal-imputazzjonijiet l-ohra, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**